**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03/2020

**Il-Ħamis 27 ta' Frar, 2020**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon

Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

03.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Désirée Vella Brincat talbet li tkun skużata, u għalhekk ippropona li l-Kunsill jilqa' l-apoloġija tagħha.

03.1.2. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

### 03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 01/2020.

03.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 01/K8/2020 kif ippreżentati.

03.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 03.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 02/2020.

03.3.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 02/K8/20209 kif ippreżentati.

03.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 03.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

03.4.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-attività li kellha issir għal-żmien il-Karnival kellha titħassar minħabba nuqqas ta' konkorrenza.

03.4.2 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li f'parti minn Triq Sir Adrian Dingli, bejn il-ħajt tal-BMX u t-tarmak, telgħu numru ta' siġar tal-palm, li jekk mhux ser jitneħħew taf issir ħsara fit-triq. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li dawn jinqalgħu minn wieħed mill-kuntratturi tal-Kunsill.

03.4.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għax-xogħol ta' road resurfacing li qed isir minn IM fi Triq Martin Luther King fejn ippropona li jitneħħew is-siġar tal-akaċja li hemm fis-soft area li hemm bejn il-BMX u ċ-Ċentru tax-Xjenza u minflok issir talba lill-IM biex bħala parti mill-proġett jitħawlu siġar indiġini ġodda. Il-kelliem ippropona li jekk ma jitneħħewx minn IM, dawn għandhom jitneħħew minn wieħed mill-kuntratturi tal-Kunsill.

03.4.6 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.8 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-impjegata Alison Grixti waslet għall-increment annwali. Il-kelliem irrimarka li fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, kien qed jipproponi li dan l-increment jingħata.

03.4.9 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0301/20/I** Email mingħand l-AKL jinfurmaw lill-Kunsill li minħabba konkorrenza fqira, l-inizjattiva favur il-MCCF ser tieqaf.

03.4.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0301/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill xorta waħda ikompli bl-inizjattiva, u l-flus li jinġabru kull xahar mill-pagi u mill-allowances, jintbagħatu lill-MCCF fl-aħħar ta' kull sena.

03.4.12 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0305/20/I** Email mingħand Pembroke Athleta Athletics & Triathlon Club, fejn bħas-snin preċedenti qed jitolbu l-appoġġ tal-Kunsill għall-maratona annwali.

03.4.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0305/20/I** fejn ippropona li fid-dawl li tali attività tiġbed eluf ta' nies lejn il-lokal, ikun għaqli li bħas-snin li għaddew, il-Kunsill jipprovdi servizzi t'emerġenza, mobile toilets u tabib, għal dak kollu li jista' jinqala.

03.4.15 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0328/20/I** Email mingħand The Grid jitolbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw l-attività annwali tagħhom fil-lokal.

03.4.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0328/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipprovdi l-permessi neċessarji. Il-kelliem irrimarka ukoll li fis-snin preċedenti kien hemm ilmenti ndividwali ta' tindif u għal dan il-għan din is-sena m'humiex ser jitqassmu fliexken tul il-ġirja, bix-xorb ser jitqassam f'tazzi li jinġabru fi stazzjonijiet speċifiċi, filwaqt li m'huwiex ser jintrama *mud pit* li konsegwenza tiegħu tħammġu partijiet minn Triq Tunis u Triq l-Imħallef William Harding fis-sena preċedenti.

03.4.18 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0496/20/I** Rapport tal-laqgħa li saret dwar l-inawgurazzjoni tal-proġett fil-lokalità Pembroke konness ma' arts in public spaces.

03.4.20 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0496/20/I** fejn ippropona li jekk l-MTIP ma jiffinanzjawx il-proposta li ġiet diskussa, il-Kunsill għandu jara l'issir serata bi programm qasir fil-perjodu viċin meta jiġi ċċelebrat Jum Pembroke u għalhekk qed jiġi allokat fond sa massimu ta' €600.

03.4.21 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0532/20/I** Email mingħand E&S Group jitolbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw attività għall-karità fil-Pembroke P&R, liema attività ser tinkludi car wash, bar/food area u entertainment għat-tfal.

03.4.23 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0532/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din l-attività, bil-għan li l-Grupp ikompli bit-taħditiet tiegħu ma' TM.

03.4.24 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0533/20/I** Email mingħand il-Periti Bencini li qed jieħdu ħsieb l-iżvilupp kopert b'applikazzjoni PA 8307/18, fejn qed jitolbu li jitpoġġew arbli fuq il-bankina biex jevitaw li jkollhom wires tas-servizzi, mal-faċċata tad-dar.

03.4.26 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0533/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba, anzi għandu joġġezzjona li tiddaħħal din il-prassi fil-lokal. Il-kelliem ippropona li din għandha tkun policy tal-Kunsill, fejn arbli simili jiġu aċċettata biss fuq bażi temporanja u wara li l-inkwilin ikun iffirma li ladarba isir l-iżvilupp, il-wires u/jew lampi tad-dawl jerġgħu jeħlu fejn kienu qabel, dejjem għas-spejjeż ta' min jagħmel it-talba.

03.4.27 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0542/20/I** Stima mingħand Webee biex tiżdied il-kunċett tal-google maps reporting addon mal-mobile app li qed jagħmlu għall-Kunsill, għall-prezz ta' €944.00

03.4.29 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0542/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima. Il-kelliem irrimarka li Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kien irrakkomanda li jitqabbad xi ħadd professjonali biex jittieħdu ritratti u filmati, possibbilment ukoll bi drone, biex jintużaw fuq is-social media tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem approva li l-Kunsill jara li jinġabru dawn l-istimi u li eventwalment tintgħażel l-irħas offerta.

03.4.30 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.32 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li biex issir il-mobile app tal-Kunsill u l-paġna l-ġdida fuq l-internet, hemm bżonn li tinġabar ħafna informazzjoni u għalhekk talab il-koperazzjoni tal-membri biex ix-xogħol jinqasam bejn kulħadd, peress li l-uffiċċju amministrattiv mhux f'pożizzjoni li jkompli jitgħabba bix-xogħol.

**46/0550/20/I** Talba mingħand sid l-istabbiliment l-Aroma jitlob il-permess tal-Kunsill biex jinstalla ħames tabelli ta' direzzjoni fit-toroq tal-lokal.

03.4.33 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0550/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba peress li tabelli simili m'humiex legalment permessibbli. Il-kelliem innota wkoll li matul iż-żmien dawn it-tabelli reġgħu bdew jidhru u li għal dan il-għan, il-Kunsill għandu jinforma lil entitajiet/ħwienet oħra li għandhom tabelli simili, fejn jingħataw żmien ġimgħa biex dawn jitneħħew min-naħa tagħhom, u fin-nuqqas li ma jitneħħewx, jitneħħew mill-Kunsill.

03.4.34 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.35 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0556/20/I** Email mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali jinfurmaw lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ikkwalifika għall-Qualification Allowance – Masters in Business Administration b'effett mis-sena 2019.

03.4.36 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0556/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jingħata dan l-allowance.

03.4.37 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0568/20/O**
**46/0582/20/I** Email mingħand Cornerstone jistaqsu lill-Kunsill dwar jekk il-Kunsill huwiex ser jerġa' japplika għall-Bus Shelter fi Triq il-Profs Walter Ganado, dan minħabba l-fatt l'irriżulta li fejn kien applika il-Perit, il-Bus Shelter ma jistax isir. Huma offrew ukoll li ma jitolbux ħlas għas-servizzi tagħhom.

03.4.39 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0568/20/O u 46/0582/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipprosegwi bl-applikazzjoni mill-ġdid, bil-post propost ikun propjament eżatt qabel fejn hemm l-arblu tal-Bus Stop Portanier, quddiem Blokk 5.

03.4.40 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.41 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0608/20/O**
**46/0647/20/I** Email mingħand Pembroke Athleta FN jinfurmaw lill-Kunsill li lesti għan-nom tal-Kunsill jorganizzaw it-tournament annwali tal-futbol.

03.4.42 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0647/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova li jsir it-tournament annwali nhar il-25 u 26 ta' April 2020 abbażi tal-parametri tas-snin preċedenti b'vot ta' massimu ta' €1,000. Il-kelliem innota wkoll li din it-talba segwiet laqgħa mill-aktar kordjali mal-amministrazzjoni l-ġdida tan-Nursery. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk ikun possibbli għandu jkun hemm ukoll shield li tinżamm mill-klabb li jirbaħ it-tournament f'sezzjoni U14 jew U16.

03.4.43 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.44 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0628/20/I**
**46/0629/20/I** Health and safety report ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta u Ġnien 4 ta' Lulju.

03.4.45 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0628/20/I u 46/0629/20/I** fejn ippropona li r-rapport li jrid isir fuq bażi regolari għandu jiġi assenjat lill-Contracts Manager tal-Kunsill biex isir minnaħa tiegħu.

03.4.46 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.47 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0700/20/I** Email mingħand LESA jinfurmaw lill-Kunsill li jixtiequ li jsiru laqgħat informattivi għaż-żgħażagħ u l-anzjani ħalli jissaħħaħ l-infurzar.

03.4.48 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0700/20/I** fejn ippropona li filwaqt li l-Kunsill jaqbel fil-prinċipju, l-Kunsill jixtieq ikun jaf jekk LESA humiex ser jieħdu ħsieb materjal informattiv inkluż it-tqassim tiegħu fid-djar tal-lokal.

03.4.49 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.50 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0720/20/I** Email mingħand St. Michael School fejn għamlu referenza għal-laqgħa li kellhom mas-Sindku u qed jistaqsu biex jiġi identifikat sit fejn jistgħu iħawlu xi siġar vis-a-vis il-proġett tagħhom ta' Ekoskola.

03.4.51 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0720/20/I** fejn ippropona li ladarba huma committed ma' Saġġar, allura l-Kunsill ma jistax jirrakkomanda żoni li diġa huma mwiegħda lil Infrasfruttura Malta. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-iskola għandhom jikkunsidraw li jitħawlu siġar tal-ballut u li jagħmlu użu mis-soft area li hemm fuq il-bankina ta' biswit l-iskola fi Triq Alamein stess.

03.4.52 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.53 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0734/20/I** Email mingħand ir-Reġjun Tramuntana jinfurmaw lill-Kunsill li r-Reġjun ser jipprovdi 2 CCTV mingħajr ħlas, l'iżda s'issa għad m'hemm xejn konkluż dwar il-moniteraġġ kif ukoll li l-ispejjeż tal-provvista tad-dawl u l-internet, trid tiġi koperta mill-Kunsill.

03.4.54 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0734/20/I** fejn ippropona li dawn jintużaw fi Ġnien 4 ta' Lulju biex jintużaw għall-moniteraġġ tal-Ġnien.

03.4.55 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.56 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.57 Is-Sindku Dean Hili ippropona li jiġi installat dog litter bin fl-akwata ta' Triq Burma, fuq il-bankina ftit 'l isfel mill-Madonna.

03.4.58 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.59 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.60 Il-Kunsillier Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jorganizza attività għal nhar Ħamis ix-Xirka fejn il-parteċipanti jżuru Il-Mixegħla tas-Salib tal-Għolja fis-Siġġiewi, bit-tluq tat-trasport ikun fis-6:30pm minn ħdejn il-Kunsill u l-miżata relatata tkun ta' €3.00 għal kull persuna.

03.4.61 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.62 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

03.5.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 03.6 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

03.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 04/2020** – Rapport Kwotazzjonijiet għall-attività tal-karnival **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 05/2020** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 01/K8/19 u 03/K8/20 **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 06/2020** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 01/K8/19 u 03/K8/20 **(Dok. 3)**

03.6.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 05/2020** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

03.6.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.7 Proposti għal Jum Pembroke 2020.

03.7.1 Is-Sindku Dean Hili informa lil Kunsill li fil-jiem li għaddew ikkomunika ma' persuna qrib il-kantanta Justine Shorfid, finalista f'X Factor Malta, li jidher li tkun interessata tipparteċipa. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-Viċi Sindku Omar Arab kiseb il-kuntatt ta' band u dawn għandhom jiġu mitkelma, bil-ħsieb l'issir attività` għall-familja, fil-parti t'isfel ta' Ġnien Pembroke.

03.7.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon irrimarka li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jagħti rikonoxximent:

- Lir-rebbieħ sportiv tas-sena **Jordan Gusman (Atletika)** li rebaħ żewġ midalji tad-deheb fil-5000 metru u 10,000 metru kif ukoll midalja tal-fidda fl-1500 metru waqt il-logħob tal-Pajjiżi Żgħar fil-Montenegro, u waqqaf rekord nazzjonali ġdid fl-10,000 metru, u
- Lir-rebbieħa sportiva tas-sena **Lisa Marie Bezzina (Atletika)** li rebħet żewġ midalji tad-deheb fil-5000 metru u l-10000 metru waqt il-Logħob tal-Pajjiżi Żgħar fil-Montenegro, ġiet fit-3 post fin-nofs maratona tan-nisa ta' Sevilja minn 11,000 atleta, rebħet in-nofs maratona tan-nisa ta'

Pisa għat-3 sena konsekuttiva fejn kisret ir-rekord Nazzjonali ta' Carol Walsh li kien ilu eżistenti għal bosta snin kif ukoll rebbieħa wkoll fl-10,000 metru fil-Kampjonat Nazzjonali. Il-kelliem irrimarka li dawn iż-żewġ sportivi huma atleti ta' Pembroke Athleta Athletics & Triathlon Club.

## 03.8 SPI/SCI/09/2019 - C CARE Project - Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunità.

03.8.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li, la l-Kunsillier Désirée Vella Brincat ma kienetx preżenti, ikun għaqli u etiku li dan is-suġġett jiġi pospost għall-laqgħa li jmiss peress li jikkonċerna d-dekasteru tagħha.

## 03.9 Servizz tal-Ġbir ta' Skart Goff.

03.9.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li s'issa l-policy addottata kienet dik li l-Kunsill jiġbor sa 5 items minn kull residenza. Jidher li hemm residenti li qed iċemplu b'mod frekwenti inkluż li l-5 items ikunu items kbar, għalhekk inħass il-ħtieġa li l-Kunsill jew jirrevedi l-policy jew jikkonferma l-istess policy inkluż kemm il-darba jistgħu iċemplu fl-istess xahar. Dan peress li għalkemm il-Kunsill m'huwiex iħallas għal-WEEE, il-kont fix-xahar mhux naqas iżda żdied. Wara diskussjoni, il-kelliem ippropona li l-policy għandha tkun li jiġi aċċettat bulky darba fix-xahar minn kull residenza, u l-ordni ma tkunx t'aktar minn 5 items żgħar jew 3 items kbar.

03.9.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.10 GDPR prattiċi u proċeduri.

03.10.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0638/20/I** bi draft tal-prattiċi u proċeduri proposta mill-Avukat tal-Kunsill fejn ippropona li jiġu approvata. Il-kelliem ippropona wkoll li t-termini ta' żmien propost għandhom jiġu finalizzata bejn l-Avukat tal-Kunsill u Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, ħalli kemm jista' ikun ikunu skond l-esiġenzi tal-Kunsill.

03.10.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

03.11.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 4, 5, 4 u 7)**

03.11.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

03.11.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.11.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.12 Mozzjonijiet.

03.12.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għal-item li kien imiss.

## 03.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

03.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:55pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 26 ta' Marzu 2020 fil-5:30pm.

Konfermati, illum 26 ta' Marzu, 2020

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Doki

**Internal Memo Referenza 04/2020** **06 ta' Frar 2020**

# Kwotazzjonijiet għall-attività tal-karnival

Inġabru kwotazzjonijiet għall-provvista ta' ikel, ħelu u entertainment.

## Provvista ta' ikel

| | |
|---|---|
| **James Caterers**<br>229,<br>Triq il-Karmnu,<br>Fgura, FGR2109 | **€3.15 (minimum 12 persons)**<br>Ham Sandwich Party Size, Cheese Sandwich Party Size, Cheese cake, Pea cake, Round Pizza, Sausage Roll, Chicken Nugget u Cupcake Chocolate or Vanilla |
| **Maypole**<br>The Bakery, Tal-Handaq Road,<br>Qormi QRM 4000<br>Malta | **€2.95 (minimum 12 persons)**<br>Ham & cheese triple decker sandwich, Mini bridge roll with tuna mix, Chicken sausage roll, Mini pizza, Chicken nugget with ketchup, Potato smiley with mayo u Yummy fairy cake (vegetarian) |
| **Mannarinu Bakery**<br>St. John's Street<br>Valletta | **€2.75 (minimum 10 persons)**<br>Cheese Cakes, Pea Cakes, Ham Sandwiches, Tuna Panini, Pizza, Sausage Rolls, Chicken Nuggets u Profiteroles |
| **Neriku Caterers**<br>KW27A,<br>Corradino Industrial Estate,<br>Paola, PLA 3000. | **€2.36 (minimum 12 persons)**<br>Cheese Sandwiches, Tuna Panini, Cheese Cakes, Pea Cakes, Mini Sausage Rolls, Mini Pizza, Chicken Nuggets u Mini Donuts |

## Provvista ta' ħelu

**Dylan's House of Candy** **€1.75 each**

PEMBROKE

**Miss Ellen's** **€1.40 - €2.00 each**
137 Il-Lunzjata Street
Hamrun
Tel: 27139136, Mob: 9917 0777
Email: party@missellens.com.mt

**Candylicious** **€1.00 each**
Triq San Frangisk,
San Gwann, SGN 2351.

## Provvista ta' entertainment

**Events Malta** 3 animators - €180.00
42, Secrets
Triq Guże Ellul Mercer
Dingli, DGL 1118.

**Curtain Raiser Entertainment** 2 animators - €195.00
c/o Madonna tal-Mirakli
Triq San Tumas
Luqa.

**Leon Promotions** 2 mascots - €120.00 (għar-ritratti
69 1 animator - €110.00
Triq Sant Antnin
Birgu, BRG 1310.

L-irħas offerti huma ta' **Neriku Caterers** għall-ikel, għall-ħelu u **Events Malta** għall-entertainment.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 05/2020** **27 ta' Frar 2020**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 01/K8/20 u 03/K8/20

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 14 | 2020 | Mica Med | Photocell ta' Sit B |
| 15 | 2020 | Mailbox | Tqassam bieb bieb flyer tal-Kunsill Lokali Pembroke għall-prezz ta' €75 + VAT. (Blood Donation) |
| 16 | 2020 | Med Developers Designers and Consultants Ltd | Jipprepara rakkomdazzjoni, speċikazzjoni u BOQ tal-fence u l-art tal-Ġnien 4 ta' Lulju |
| 18 | 2020 | Mailbox | Tqassam bieb bieb flyer tal-Kunsill Lokali Pembroke għall-prezz ta' €75 + VAT. (Carnival Activity) |
| 22 | 2020 | Mica Med | • Lampa maqtugħa fi Triq Antoine de Favray fil-ġenb ta' Blk 2<br>• Lampa maqtugħa fi Triq San Patrizju fuq wara ta' Blk 1<br>• Lampa maqtugħa fuq Dar 12 fi Triq F. X Caruana<br>• Tinbidel bozza miksura fil-passaġġ li hemm bejn il-Pembroke Park and Ride u Triq Sant' Andrija |
| 26 | 2020 | B. Grima and Sons | 2 tabelli biswit il-kamra tad-dawl li hemm fi Triq il-Mediterran li jindikaw No Entry u taħtom il-kliem Except to Authorised vehicles of AFM |
| 27 | 2020 | Smart Office Supplies | Stationery |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 06/2020** **27 ta' Frar 2020**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 01/K8/20 u 03/K8/20

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 27/01/20 | Presentation of Art Installation | Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 29/01/20 | Urgent Remedial Works required at Pembroke | Pembroke | Kevin Borg |
| 29/01/20 | FTZD | Pembroke | Kevin Borg |
| 05/02/20 | Film commission meeting | Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 07/02/20 | Laqgħa mas-Sur Stephen Saliba u IM dwar il-progett artistiku | Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 14/02/20 | Pembroke Annual Football Tournament | Pembroke | Dean Hili<br>Omar Elaref Arab<br>Kevin Borg |
| 14/02/20 | Possibly develop a family amusement project at the Pembroke Battery | Pembroke | Dean Hili<br>Omar Elaref Arab<br>Kevin Borg |
| 14/02/20 | The Grid | Pembroke | Dean Hili<br>Omar Elaref Arab<br>Kevin Borg |
| 14/02/20 | Infrustrucrure Malta | Hal Luqa | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 19/02/20 | Ekoskola Committee meeting | Pembroke | Dean Hili |
| 19/02/20 | Urgent Remedial Works required at Pembroke | Pembroke | Kevin Borg |
| 22/02/20 | Mayors Roundtable | San Pawl | Omar Elaref Arab |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**